**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 851/2016 MH**

**Adam Mark Deguara karta ta' l-identia'**

**Numru 400085M**

**Vs**

**Nadia Assunta Deguara**

**Naomi Elizabeth Sproston li b'digriet ta' l-10 ta' mejju, 2017 awtorizzat korezzjoni**

**fl-isem ta' Naomi Elizabeth Deguara fis-sens li kunjomha ghandu jaqra**

**"Sproston"**

**Marcia Ellen Deguara**

**Illum, 24 ta' Frar, 2023**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat** *minn Adam Mark Deguara fejn jesponi bir-rispett u jiddikjara li jaf personalment fatti-:*

1. *Illi fit-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) ġie nieqes Emanuel Deguara , missier il-kontendenti ħlief għall-konvenuta Marcia Deguara li tiġi t-tieni mara tad-defunt (Dok A.)*
2. *Illi mir-riċerki testamentarju mwettqa (Dok B) irriżulta li missier ir-rikorrenti kien irregola l-wirt tiegħu permezz ta' żewġ testmenti, wieħed magħmul fis-sena 2011 u ieħor magħmul fis-sena 2015;*
3. *Illi fl-aħħar testment datat 20 t'Ottubru, tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fl-atti tan-Nutar Dorita Galea Medati (Dok C) id-defunt Emanuel Deguara kien irrevoka u ħassar kull testment li setgħa kien għamel sa dakinhar u ried li dan it-testment jirregola l-wirt tiegħu ;*
4. *Illi skont dan l-aħħar testment tiegħu missier ir-rikorrenti ħalla bħala eredi universali u padruna assoluta tal-ġid tiegħu kollu lill-konvenuti f'sehem ta' terz kull wieħed u dan skont ma jirriżulta mit-testment hawn anness u immarkat bħala Dok C.*
5. *Illi l-attur ma semmiex f'dan it-testment u għalhekk skont il-liġi għandu d-dritt li huwa jitlob is-sehem riservat spettanti lilu kif qiegħed jagħmel bil-preżenti;*
6. *Illi għal kull buon fini l-attur qiegħed jiddikjara li huwa qiegħed jirrinunzja għad-dritt spettanti lilu bħala eredi ta' missieru iżda qiegħed jirriserva li jieħu sehem riservat spettanti lilu skont il-liġi.*
7. *Ili minkejja li l-konvenuti ġew inerpellati sabiex jersqu għall-likwidazzjoni huma baqgħu inadempjenti;*
8. *Illi kien minħabba f'hekk li l-attur kellu jagħmel dawn il-proċeduri ;*
9. *Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun jogħġobha:-*

1. *Tiddikjara fhiex kienu jikkonsistu l-assi ereditarji tad-defunt Emanuel Deguara billi jiġi dikjarat li dawn kienu jikkonsistu fil-beni immobbli u mobbli, fil-krediti u flus li jirriżultaw matul it-trattazzjoni tal-kawża;*
2. *Konsegwentement tillikwida l-ammont dovut lill-attur bħala sehem riżervat;*
3. *Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu l-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-konvenuti, li minn issa stess huma msejjħa in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

*Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Nadia Assunta Deguara** detentriċi tal-passaport Ingliż bin-numru 524191043, **Naomi Elizabeth Sproston** tal-passaport Ingliż bin-numru 534472821 u **Marcia Ellen Deguara** detentriċi tal-passaport Ingliż bin-numru 529248221*

*Tesponi bir-rispett u bil-ġurament Nadia Assunta Deguara tikkonferma:*
*Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dana għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi in linea preliminari, l-esponenti ma kienux notifikati validament skond kif titlob il-liġi u dan stante illi fl-ewwel lok l-atti ma ġewx notifikati lill-esponenti fir-residenza tagħhom jew fuq il-post tax-xogħol kif titlob il-liġi w in oltre l-esponenti ma ġewx notifikati bit-traduzzjoni tar-rikors ġuramentat fil-lingwa Ingliża*
2. *Illi in subsidium waħda mill-intimati esponenti illi ġiet indikata bħala Naomi Elizabeth Deguara , bidlet kunjomha stante lli żżewġet u llum kunjomha huwa Sproston ;*

3. *Illi fil-mertu qabel xejn l-attur irid jipprova qabel xejn illi huwa wild naturali tal-mejjet Emanuel Deguara u li għalhekk għandu interess ġuridiku lli jintavola din il-kawża;*
4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost , l-attur irid iġib akkont tas-sehem tiegħu fil-porzjon riservat kull ma rċieva matul ħajtu mingħand il-mejjet Emanuel Deguara*
5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-attur Adam Mark Deguara [1]

Rat li l-avukat tal-konvenuti irrinunzja għall-patroċinju stante li wara diversi tentattivi da parti tal-istess avukat illi jagħmel kuntatt magħhom ma rnexxielux jagħmel dan. [2]

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat :

**<u>Fatti fil-qosor:</u>**

Ili l-attur f'din il-kawża qed jitlob is-sehem riservat spettanti lilu skont il-liġi stante li fl-aħħar testment li kien għamel missieru fl-20 t'Ottubru, 2015[3] huwa ma jidher imkien bħala eredi . Emanuel Deguara ħalla bħala eredi liż-żewġt itfal l-oħra tiegħu Nadia Assunta Deguara u Elizabeth Deguara u kif ukoll lil ex-mara tiegħu Marcia. Emanuel Deguara miet fit-

[1] Fol 252-256
[2] Fol 248
[3] Fol 10 , Dok C

3 ta' Diċembru, 2015 kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt maħruġ mir-reġistru pubbliku[4].

**Xhieda**

Fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2017 ix-xhieda segwenti li rrapreżentaw Banek diversi kkonfermaw li ma kienx hemm kontijiet f'isem Emanuel Deguara u cioe':

- **Alison Mifsud Brimmer** in rappreżentanza tal-HSBC Bank fejn ikkonfermat li mir-riċerka li għamlet skont in-numru tal-karta tal-identita' ma kienx hemm kontijiet f'isem Emanuel Deguara ma' l-HSBC Bank Malta plc.

- **Rebecca Micallef** in rappreżentanza tal-APS bank fejn ikkonfermat li ma kienx hemm kontijiet f'isem Emanuel Deguara[5]

- **Stephen Baldacchino** in rappreżentanza tal-Banif Bank li ikkonferma li ma sab ebda kontijiet f'isem Emanuel Deguara. [6]

- **Jeannette Lepre** in rappreżentanza tal-Lombard Bank fejn ikkonfermat ukoll li wara r-riċerki li saru ma nstabu ebda kontijiet f'dak l-isem jew ma' terzi.[7]

---

[4] Fol 5, Dok A
[5] Fol 138
[6] Fol 140
[7] Fol 142

- Mentri fl-istess seduta **Trudy Causon** in rappreżentanza tal-BOV preżentat  sitt bank statements li ġew immarkati bħala Dok TC1 sa Dok TC 6.[8] Din ikkonfermat li meta miet Emanuel Deguara ħalla żewġ kontijiet miftuħa mal-Bank of Valletta u dawn kellhom in-numru 40015492472 u l-kont bin-numru 40017037314.  Fis-seduta tal-10 ta' Lulju, 2017 ippreżentat  minn Dok TC7, TC8, TC9, TC9a, Dok TC9 b, Dok TC9c u Dok TC10, Dok TC11, Dok TC 12, Dok TC13,Dok TC 14 u Dok TC15. Fis-seduta tat-12 ta' Frar, 2020 fejn tkellmet dwar kif internal legal ruling bil-bank u fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2020 [9] fejn hija kompliet tispjega fuq l-internal ruling li kien hemm biex jiġi trasferit l-ammont li kien hemm f'isem Emanuel Deguara lil tlett persuni : Maria Ellen Deguara, Naomi Elizabeth Sproston u Nadia Assunta  Deguara ġewwa r-Renju Unit.[10]  Prova ta' dan esebit id-dokument Dok TC li skontha kien jirrapresenta il-*legal ruling*, jekk mhux parti minnu, li fuqu mexa l-Bank biex jirrilaxxa l-flejjes li kien iżżomm fil-kontijiet tal-mejjet Emmanuel Deguara,f'isem il-werrieta tiegħu. Ir-rilaxx ta' dawn il-flejjes ġie dokumentat permezz ta' l-esebiti Dok TC13, TC14 u TC 15[11]

- Xehed L-**Ispettur Maurice Curmi** fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2017 fejn mir-riċerka li għamel irriżulta li Emanuel Deguara kellu liċenzja ta' żewġ armi. [12]  Mistoqsi x'sar mill-istess

[8] Fol 29-35 u Fol  145-159
[9] Fol 234
[10] Fol 235
[11] Folios 171 - 173
[12] Dok MC a fol 182

ma kienx f'posizjoni jiddeponi fuq hekk, spjega li kien l-istess sid f'ħajjtu jew is-sussegwenti werrieta li riedu jagħmlu talba biex dawn jiġu  jew trasferiti xi ħadd jiddisponi minnhom. Fil-fatt ma kienx f'posizzjoni jirrispondi x'kien sar minn dawn l-armi. Skontu ħadd mill-werrieta ma kien mar jiffirma għalihom, ċioe' għat-trasferiment tal-liċenzja relattiva.

- Xehed ukoll **Stefan Cachia** rappreżentant ta' Tansport Malta u rriżulta li missier l-attur kellu vettur bin-numru ta' reġistrazzjoni AAA 223 tal-għamla Ford Fiesta u kienet ilha reġistrata fuqu mis-26 ta' Frar, 2008 . Il-liċenzja tal-karozza kienet skadiet fil-31 ta' Jannar, 2016.[13] Ma kienx f'posizzjoni jgħid minn ħallas l-istess liċenżja.  Spjega li infurmazzjoni dwar  dan setgħet tinġab mill insurance konċernata. Esebixxa fir -rigward id-dokument SC.[14]

- Xehdet **Miriam Sultana** rappreżentanta għal Malta Stock Change fejn anke hi kkonfermat li ma nstab xejn f'isem Emanuel Deguara.[15]

- Fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2019 xehed **Alistair Cuschieri** rappreżentant tal-Bank of Valletta asset management li tkellem fuq il-Vilhena Euro Money Fund li kellu Emanuel Deguara. Mandankollu, kien diġà ġibed l-flus minn dan il-fund fit-13 ta' Novembru, 2015.[16]

[13] Fol 184
[14] FOLIO 183
[15] Fol 186 Dok MS
[16] Dok AC a Fol 216

- Xehed ukoll **Walter Aquilina** rappreżentant ta' Calamatta Cuschieri Investments Services u qal li ma nstab ebda investiment f'isem Emanuel Deguara.

- Xehed **Matthias Cardona** rappreżentant Bank of Valletta li prezenta Dok MC li juri Redemption Form.[17]. Xehed li f'Novembru,tas-sena 2015 ġiet miġbuda s-somma ta' €49,946.00 mill BOV Asset Management, Vilhena Funds[18], pero ma kienx f'posizzjoni jgħid minn ġibed l-istess flejjes.

- **L-attur** da parti tiegħu preżenta affidavit tiegħu [19] fejn spjega li huwa qatt ma kellu relazzjoni ma' ħutu għax huma jgħixu barra minn Malta u huma t-tfal tal-eks mara ta' missieru. L-aħħar testment li kien għamel missieru tat-13 t'Ottubru, 2015 sar ftit ġimgħat qabel ma miet preċiżament fit-3 ta' Diċembru, 2015. Huwa sar jaf li missieru ma kienx ħallilu s-sehem tiegħu meta mar għand in-nutar u jtenni li huwa qatt ma rċieva xejn matul ħajtu mingħand missieru. Jgħid li huwa infurmat li missieru kellu flus depożitati ġewwa banek barranin speċjalment ġewwa l-Awstralja u li dan kien biegħ dar ġewwa Melbourne li kienet tiswa madwar miljun dollaru Awstraljan.

- Ġie presentat affidavit ta' **Victor Deguara**[20] li huwa Emanuel Deguara jikkonferma li ħuħ kien għamel erbgħin sena jgħix ġewwa l-Awstralja u meta ġie Malta kera appartament ġewwa

[17] Folio 219 et seq.
[18] Ara dok AC folio 215
[19] Fol 190,191
[20] Fol 246,247

Buġibba. Huwa kien jiltaqa' miegħu regolarment u meta marad kien anke jgħix miegħu u mal-mara tiegħu . Huwa jikkonferma li ħuħ kien biegħ id-dar tiegħu ġewwa Gippsland, Melbourne għal prezz ta' madwar tmienja u disa' mitt elf dollaru Awstraljan (AUD 800,000-AUD 900,000). Jsemmi ukoll l-każ li kellhom bħala familja fl-ismijiet Carmelo Deguara et vs George Cassar pro et noe b'numru 743/1994 fejn wara ħafna snin inqatgħet fl-2019 u bħala familja tħallsu somma komplessiva ta' €450,000 u messhom madwar €23,000 kull wieħed.

**<u>L-eċċezzjonijiet</u> :**

**<u>a)Eċċezzjonijiet irtirati:</u>**

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Frar, 2017 wara li ġiet preżentata n-nota tal-attur [21]l-konvenuti talbu li jiġu rtirati l-eċċezzjonijiet numru wieħed (1) u tlieta (3) li kienu s-segwenti:

1. *'Illi in linea preliminari, l-esponenti ma kienux notifikati validament skond kif titlob il-liġi u dan stante illi fl-ewwel lok l atti ma ġewx notifikati lill-esponenti fir-residenza tagħhom jew fuq il-post tax-xogħol kif titlob il-liġi w in oltre l-esponenti ma ġewx notifikati bit-traduzzjoni tar-rikors ġuramentat fil-lingwa Ingliża*
2. *Illi fil-mertu qabel xejn l-attur irid jipprova qabel xejn illi huwa wild naturali tal-mejjet Emanuel Deguara u li għalhekk għandu interess ġuridiku lli jintavola din il-kawża.'*[22]

---

[21] Fol 14

[22] Jingħad li man-nota tat-18 ta' Jannar, 2017, l-attur preżenta kopja taċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu u dan peress li fir-risposta tagħhom il-konvenuti allegaw li jista' jkun li Adam Mark Deguara mhux it-tifel ta' Emanuel

**b) <u>Eċċezzjonijiet li baqgħa</u>:**

**<u>It-tieni eċċezzjoni :</u>**

Din kienet fis-sens lil-intimata *"...indikata bħala Naomi Elizabeth Deguara, bidlet kunjomha stante li zzewget u llum kunjomha huwa Spronston"*

Illi fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2017, il-Qorti ai terminu ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 laqgħat it-talba għad-debita korrezzjoni sabiex kunjom Naomi Elizabeth Deguara biex jiġi jaqra Sprosto. [23]

**Konsegwentement din l-eċċezzjoni ġiet megħluba.**

**<u>Ir-raba' eċċezzjoni :</u>**

Inkwantu għar-raba' (4) eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti li Adam Deguara għandu jġib akkont tas-sehem tiegħu fil-porzjon riservat kull ma rċieva matul ħajtu mingħand missieru, l-istess Adam Deguara fl-affidavit tiegħu[24] jgħid fil-punt numru 6 :

***' Għandi ngħid li matul ħajtu, jiena qatt ma rċevejt xejn mingħand missieri.'***

Għalkemm il-konvenuti ressqu din l-eċċezzjoni huma minn naħa tagħhom ma ġabu ebda prova li tikkonferma li l-attur kien ħa xi forma ta' donazzjoni mingħand missierhom matul ħajtu. Lanqas per parentesi ma ndenjaw li jressqu lil

Deguara. Dan l-istess ċertifikat jikkonferma bi sħiħ li Emanuel Deguara huwa missier Adam Mark u li l-istess dikjarazzjoni saret minn Emanuel Deguara.

[23] Fol 26 a.
[24] Folio 190

istess rikorrenti/ attur għal kontro eżami biex forsi jistabilixxu r-raguni għala taw din l-eċċezzjoni.

**Għaldaqstant din ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti qed tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

***Il-liġi:***

***Artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili:***

*615.(1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*

*Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu,tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.*

Illi skont l-**artikolu 616 tal-Kap 16** jittratta is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal u jgħid is-segwenti:

*616.(1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, **għandu jkun terz tal-valur tal-beni** jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*

*(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma indaqs sew bejn it-tfal li jmisshom minnu.*

(3)*Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.'*

## X'jirriżulta mit-testment datat 20 t'Ottubru, 2015[25]

Mill-aħħar testment ta' Emanuel Deguara immarkat bħala Dok C [26] fejn huwa irrevoka u annulla kwalunkwe testment ieħor li setgħa għamel qabel kemm f'Malta jew barra minn Malta jirriżulta li huwa innomina bħala eredi tiegħu liż-żewġt itfal tiegħu Nadia Assunta Deguara u Naomi Elizabeth Deguara u kif ukoll lil ex-mara tiegħu Marcia Ellen Deguara.

Mit-testment ma jirriżulta li ma hemm ebda sehem imħolli lil attur li b'xi mod jissodisfa l-artikolu hawn fuq imsemmi. Jirriżulta mill-att tat-twelid preżentat mir-rikorrent li huwa iben il-mejjet Emanuel Deguara[27] u għalhekk isegwi li huwa għandu dritt għal terz mill-valur tal-beni.

## Dokumenti prezentati

- L-attur preżenta r-riċerka magħmula mir-reġistru pubbliku rigward t-testmenti eżistenti ta' Emanuel Deguara u nstabu s-segwenti insinwati : I 19796/2011 u I 21280/2015. [28](Dok B)
- Inoltre, ġie konfermat fit-22 ta' Frar, 2016 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja ) li ma hemm ebda testment sigriet ta' Emanuel Deguara.[29]

[25] Dok C; Fol 10

[27] Fol 16
[28] Fol 6 (Dok B)
[29] Fol 9

- Kopja tat-Testment datat 20 t'Ottubru, 2015 li ġie mmarkat bħala Dok C [30]
- Kopja taċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu fejn jidher Emanuel Deguara bħala missieru.[31]

**Subizzjoni:**

Fis-seduta tat-3 ta' Frar, 2017[32] l-avukat tal-attur talab lil intimati jirrediġu lista ta' mobbli/immobbli appartenenti d-decuius iżda din ma ġiet preżentata qatt fl-atti. Jiriżulta milll-atti proċesswali lli fil-fatt l-attur kien lest u ried li jgħaddi għas-subizjoni tal-konvenuti, dejjem bil-ħsieb li jistabilixxi l-massa ereditarja ta' missierhom. Jidher milll-atti li fil-fatt il-konvenuti taw anke d-dati li huma kienu se jkunu presenti biex jiġu sottometti għal tali subizzjoni[33]. Fil-fatt għalkemm anke kien hemm dati miftehma għal dan l-iskop[34], is-seduti ssugeriti qatt ma saret referenza aktar għalihom, tant li aktar tard b'notata' l'istess attur fuq l-istess punt[35], ġie dikjarat li kien qed jirrinunzja għas-subizzjoni tal-konvenuti, b'riserva li dan isir fi stadju ulterjuri.

Di fatti l-attur kellu diffikultà kbira sabiex jistabbilixxi bi preċiżjoni x'sar minn flejjes li kienu ta' missieru stante li l-konvenuti ma deheru qatt fil-proċeduri u ma ressqu ebda affidavit jew xort'oħra ta' dokument. L-istess avukat tagħhom għażel li ma kellux jippatroċinhom iktar għax kien għamel diversi tentattivi biex

[30] Fol 10
[31] Fol.16
[32] Fol 17.
[33] Fol. 25
[34] Verbal folio 26. Ara ukoll verbal a folio 176, seduta 22 ta' Novembru, 2017.
[35] Folio 197

jikkuntatjhom iżda dan kien baqgħa bla risposta mingħandhom u għalhekk irrinunzja għall-patroċinju tal-istess [36].

**<u>Beni mobbli ta' Emanuel Deguara li jirriżultaw mid-dokumenti preżentati fl-atti:</u>**

Wara eżami akkurat tad-dokumenti esebiti speċjalment dawk preżentati minn Trudy Causon in rappreżentanza tal-Bank Of Valletta ġie stabbilit li meta ġie nieqes is-sur Emanuel Deguara kien hemm żewġ kontijiet pendenti u dawn huma dak bin-numru :

1)40015492472[37]

2) 40017037314[38]u [39] u l-bilanċ ta' dawn iż-żewġ kontijiet magħdudin flimkien huwa ta' <u>€185,346.59.</u>

**Dawn l-ammonti ġew trasferiti ġo tlett kontijiet differenti tal-konvenuti Naomi Elizabeth Sproston, Marcia Ellen Deguara u Nadia A. Deguara ġewwa r-Renju Unit u dan jirriżulta minn Dokumenti esebiti u mmarkati bħala Dok TC13, Dok TC 14 u Dok TC 15.[40] Dan okkorra kif xehdu l-istess impjegati tal-Bank of Valletta skont il-*legal ruling* li jkunu debitament rċevew kif kellhom jiġu disposti l-assi tad-decuis. Ta' dan ġie esebit minn Miss Causon id-dokument TC.[41]**

[36] Fol 248
[37] €978.74 fol 77
[38] €184.367.85 Fol 90
[39] Dok TC 12 a fol. 169 tal-proċess.
[40] Fol 171-173 tal- proċess.
[41] Folio 235

**L-attur naqas milli ġġib evidenza ċara fuq is-segwenti :**

a) **Propjeta' ġewwa Melbourne:**

Fadal il-kwistjoni dwar id-dar li Emanuel Deguara kellu ġewwa Melbourne, Awstralja u li allegatament kien biegħ għal ċirca miljun bejn wieħed u ieħor stante fil-proċess il-prezz ivarja bejn AUD 800,000 sa AUD 1,000,000 dollaru Awstraljan dollaru . Fuq dan il-punt ir-rikorrent ressaq bħala prova ta' dan il-bejgħ l-affidavit magħmul miż-żiju tiegħu Victor Deguara ħu missieru.

Għalhekk l-unika prova fir-rigward huwa biss dan l-affidavit. Ma nġabet ebda prova ta' kuntratt awtentikat kif titlob il-liġi, li għalkemm vera in kwantu għad-distanzi taf kienet waħda sgabruża, pero ma kienetx waħda impossibbli.

Skont **l-artikolu 559 tal-Kap 12** l-prova li trid tinġieb hija l-aħjar prova u dan jgħid is-segwenti:

*' Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib'.*

Inoltre **l-artikolu 562 tal-Kap 12** jgħid li:

*' Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.'*

F'dan il-każ l-aħjar prova kienet il-produzzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ u xiri li sar fl-Awstralja. Iżda dan qatt ma kien prodott u għalhekk ma teżistix l-aħjar prova kemm tal-bejgħ u ir-rikavat milll-stess, u kif ukoll jekk kienx fadal flus minnhom sal-jum tal-mewt tal-mejjet Emanuel Deguara.

Per partensi din l-istess mankanza ta' prova ċara timpingi ukoll fuq asssi oħra mobbli ġia msemmija, ċioe' l-karozza tal-mejjet missier ukoll l-armi li kienu jappartjenu lilu.

**b) <u>Transazzjoni ta' kawza fejn kien involut missier l-attur.</u>**

Fl-affidavit ta' Victor Deguara[42], iż-żiju ta' l-attur, hemm referenza għal kawza [43] li skontu ġiet transatta fl-2019 jiġifieri sew wara l-mewt ta' huh Emanuel Deguara. Din kienet kawza li skontu kienet tinvolvi kwistjoni fuq art ġewwa Bugibba mibdija minn missieru, allura anke missier l-attur, kawża li kienet ilha għaddejja żmien twil ħafna u li bħala eredi, ulied missierhom Carmelo Deguara, fuq transazzjoni ħadu madwar €23,000 Ewro kull wieħed.

Anke f'dan ir-rigward l-attur naqas li jippreżenta l-aħjar prova u cioe' l-konferma mir-Reġistratur ta' dak dikjarat minn żijuh, almenu sa fejn jirrigwarda il-kawza msemmija.

Insibu in linea ma dak li għandu jkun il-livell ta' prova meħtieg li fil-każ **Garton v. Hunter**[44], Lord Denning kien qal: *"A party must produce the best evidence that the nature of the case will allow, and that any less good evidence is to be excluded*." Mentri fis-sentenza fl-ismijiet **Omychund v. Barker**[45] Lord Harwicke stqarr illi "*the judges and sages of the law have laid it down that there is but one general rule of evidence, the best that the nature of the case will permit".*

In vista ta' din in-nuqqas ta' prova l-Qorti ħadet l-iżbriga HI li tfittex dak li xehed iż-żiju ta' l-attur. Jiriżulta li huwa vera li kien hemm kawza pendenti bejn il-partijiet indikati fl-affidavit liema kawza fil-fatt ġiet ċeduta fit-3 ta' Ottubru, 2019 minħabba li ġiet transatta. Jiriżulta mill-istess atti msemmija illi l-atti ġew trafuzi fl-ismijiet ta' ulied Carmelo Deguara għalhekk iż-żiju ta' l-attur Victor u missieru Emmanuel fid-data ta' 22 ta' Diċembru, 1995 u ċioe wara l-mewt ta' missierhom Carmelo. Għalhekk huwa logiku lis-somma li rċevew il-partijiet bħala parti mit-

[42] Fol 246, 247
[43] Kawża numru 743/1994 Carmelo Deguara et vs George Cassar pro et noe.
[44] [1969] 1 All ER 451
[45] Omychund v Barker (1745) 1 Atk, 21, 49; 26 ER 15, 33

transazzjoni, dik ta' €23,000 għaddiet għand ulied l-aħwa Deguara ħut l-attur, werrieta ta' missierhom, stante li dan ġie nieqes qabel it-transazzjoni.

Ikkunsidrat ulterjorment.

In konklussjoni jerġa jiġi ribatut li għalkemm il-Qorti tista' tifhem id-diffikulta'[46] li kellu l-attur biex huwa jressaq bħala xhieda in subizzjoni lil ħutu, li jippreżenta dokumenti awtentikati li jistgħu jikkonfermaw kemm il-flus allegatament hemm eżistenti fil-banek Awstraljani u kif ukoll il-bejgħ tad-dar permezz ta' dokumenti, il-fatt jibqa' lil Qorti ma tistax tistrieħ biss fuq dak li qal Victor Deguara jew l-attur stess fl-affidavit tagħhom mingħajr kuntratt awtentikat tal-bejgħ u dan sa fejn jirrgwarda propjeta' fl-Awstralja jew flejjes hemm miżmuma.

Ma jispettax lil Qorti, kif hemm sugerit fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur, li timxi fuq il-prinċiju ta' ekwita', *arbitrio boni viri*, biex tasal Hi għal dak li hu ġust li jirċievi l-attur bħala sehmu mill biegħ tal-propjeta' fl-Awstralja, meta lanqas biss kellha prova ċara li fil-fatt qatt seħħ il-bejgħ reklamat u r-rekavat propju. Dan il-prinċipju ġie sew spjegat fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Joanna u Francis konjugi Camilleri vs Paulmid Developements Ltd.**[47] fejn itqal li:-

*"49 [1] Hu prinċipju kardinali f'materja ta' prova , u anke skolpit fl-Artikolu 562. Tal-Kodici a' Organizzazzjoni u Procedura Civili li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat u ghalhekk l-oneru tal-prova mhux biss tad-danni riskontrati izda wkoll tal-quantum tal-ispejjez riparatorji tispetta lill-atturi li ressqu t-talba sabiex l-Qorti " illikwida dik il-sparti mill-prezz dovuta lura lill-atturi minhabba l-imsemmija difetti u dan ghat-termini tal-ligi biex taghmel tajjeb ghall-imsemmija difetti".*

[46] IŻDA MHUX IMPOSSIBILTA'
[47] Qorti ta' l-Appell, deċiża 30 ta' Settembru, 2016: ċitaz.nru. 24/02PC

*50. [2] Il-Qorti ghandha tasal ghad-decizjoni taghha abbazi tal-principju iuxta allegata et probata u m'ghandhi x tirrikorri ghall-fakolt li tiddeciedi arbitrio boni viri meta min jallega l-fatt kellu l-opportunit kollha li jressaq provi in sostenn a' dak il-fatt u tali provi kienu disponibbli ghalih.*

*51. Hija flokha l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza App. 238/05 Rita Busuttil noe et v. Raymond Busuttil, deciza fis-27 a' Novembru 2015:*

*"12.Rigward it-talba taghha sabiex din il-Qorti tiffissa ammont xieraq ta' flus rapprezentanti sehemha mill-mobbli komprizi fil-komunjoni tal-akkwisti u wkoll il-valur tal-beni parafernali taghha, din il-Qorti tosserva li din it- talba ma tistax tintlaqa' ghax hi a priva mis-substratt fattwali li jehtieg li jkollha biex tkun fil-pozizzjoni li tasal ghall-ammont arbitrio boni viri. Fi kliem iehor, mill-provi ma jirrizulltawx fatti li fuqhom il-Qorti tista' tasal ghal xi ammont kif mitluba mill-attrici fl-aggravju taghha. ..... Fin nuqqas ta' prova ta' fatti sufficjenti li fuqhom il-Qorti tista' logikament tistabbilixxi ammont rapprezentanti valur tal-mobbli il-komputazzjoni ta' ammont fissat ma jkunx gie stabbilit arbitrio boni viri, imma jkun ammont stabbilit b'mod arbitrarju. Ghalhekk ghandu jirrizulta car li din it-talba ma tistax treggi"*

Konsegwentement il-Qorti ma tistax tilqa' s-sugeriment mressaqmill-attur għal sehemu mill-biegħ ta' propjeta' ġewwa l-Awstralja fuq il-prinċipju minnu ennuċjat.

Fil-konfront ta' l-imgħaxijiet dovuti rat ukoll l-artikolu 615(2) tal-Kap 16 u lir-rikors ġuramentat ġie presenata entro s-sentejn hemm imsemmija.

**Deċide**

**Konsegwentement in vista ta' dak premess taqta' u tiddeċiedi**

a) **Waqt li l-eċċezzjonijiet immarkati numru 1 u 3 kienu irtirati mil-konvenuti, il-Qorti qed tilqa' t-tieni eċċezzjoni u dan minħabba dak li jidher fil-verbal a fol 26 a u tiċħad l-eċċezzjoni numru 4 stante li ma nġabet ebda prova fir-rigward.**
b) **Qed tilqa' l-ewwel talba tal-attur limitatament għall-mobbli krediti u flus li nstabu fil-Bank of Valletta ukoll fil-konfront ta' sehmu mis-somma riċevuta in transazzjoni kif ingħad, waqt li qed tiċħad dik il-parti tat-talba dwar il-ħwejjeġ immobbli u cioe' id-dar li allegatament inbiegħet fl-Awstralja .**
c) **Qed tilqa' t-tieni talba tal-attur billi tiddikjara li l-ammont dovut bħala sehem riservat huwa ta' tlieta u għoxrin elf, mija disgħa u erbgħin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmi (€23,149.62)[48]. Inoltre, huwa għandu dritt ukoll għall-1/9 mir-rikavat tal-karozza tal-għamla Ford Fiesta bin-numru ta' reġistrazzjoni AAA 223 [49]u tal-pistoli/armi [50] una volta li dawn jinbiegħu.**
d) Il-**Qorti rat li l-kawża odjerna ġiet intavolata fis-26 ta' Settembru, 2016 u għalhekk ferm qabel l-għeluq tat-terminu ta' sentejn stipulat mill-liġi u għalhekk qegħda n vista tat-tielet talba tikkundanna lill-konvenuti biex iħallasu somma hekk likwidata bl-imgħax ta' 8% mid-data tat-3 ta' Diċembru, 2015 ai termini tal-artikolu 615 tal-Kap 16 sad-data tal-pagament effettiv;**
e) **Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.**

[48] €185,346.59+€23,000 ÷9=€23,149.62
[49] Fol 184
[50] Dok MC ,Fol 182

**Onor Imħallef  Miriam Hayman**

**Victor Deguara**

**Deputat Reġistratur**